ADPD – The Green Party
P.O. Box 38, Marsa, MTP1001, Malta
51, Triq Isouard, Marsa, MRS2019, Malta

info@adpd.mt adpd.mt

**Ref AX/23/2**

**Awtorità tax-Xandir**
**Chairman: Sur Frank V.Farrugia**
**Triq Mile End**
**ĦAMRUN HMR 1719**

**17 ta' Mejju 2023**

**Suġġett: deċiżjoni dwar ilment kontra l-istazzjon ONE**

Sur Farrugia,

Nirreferi għad-deċiżjoni dwar l-ilment minn ADPD dwar in-nuqqas tal-istazzjon ONE li fil-bulettin tal-aħbarijiet ta' nhar is-Sibt 1 t'April 2023 ixandar rappurtaġġ dwar konferenza tal-aħbarijiet mill-partit dwar il-qrubija tal-politiċi mad-dinja tan-negozju.

Napprezza li din id-deċiżjoni, datata l-bieraħ 16 ta' Mejju 2023 (Ref. 43/23) temfasizza li fil-kuntest kurrenti l-imsemmija konferenza tal-aħbarijiet, kellha valur ta' aħbar.

Fid-dawl tal-fatt li l-Awtorita' laqgħet l-ilment ma nifhimx kif l-istess Awtorità imbagħad iddeċidiet li ma tagħtix rimedju. Fid-dawl tal-obbligu dwar l-imparzjalità li s-subartiklu (1) tal-artiklu 119 tal-kostituzzjoni ta' Malta jimponi fuq kull mezz ta' xandir f'Malta konna qed nistennew li nsibu tarka fl-Awtorità. Sfortunatament, bin-nuqqas tal-identifikazzjoni ta' rimedju l-Awtorità qed tgħidilna li minkejja li għandna raġun, qiesu ma ġara xejn.

Napprezza jekk l-Awtorità tagħti piż lill-fatt li ADPD, kuntrarjament għall-partiti politiċi ewlenin, m'għandux mezzi diretti tiegħu biex ixandar l-aħbarijiet. Hi l-fehma tagħna li n-nuqqas ta' rimedju f'dan il-kaz ser ikompli jinkoraġixxi rappurtaġġ bħal dak tal-ONE ibbażat fuq iċ-ċensura politika u li jinjora l-aħbar skomda.

Għaldaqstant nistiednek biex iġġib dan a konjizzjoni tal-Awtorità biex tikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha u tidentifika rimedju.

**Carmel Cacopardo**
**Chairperson ADPD**